# Żewġ Innijiet Oħra ta' Dun Edward Corrado



Kitba ta' Mro. Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.)

Fl-artiklu tas-sena l-oħra konna tkellimna fuq l-*Innu Popolari Lill-Madonna Tal-Ġebla* (1951), kliem tal-qassis-poeta Naxxari Dun Anton Xiberras (1922-2006) u mużika tal-qassis-mużiċist Dun Edward Corrado. Għal dis-sena wkoll, għandi għalikom żewġ innijiet oħra mmużikati minnu, l-Innu Marjan *Lill-Madonna Tad-Duluri* u l-*Innu lis-Saċerdot* (innu soċjali). Daż-żewġ innijiet għandhom versi ta' Dun Frans Camilleri (1919-1990) u kienu dehru fil-ktieb tiegħu tal-1948 bl-isem ta' Innijiet. Sfortunatament, il-mużika ta' daż-żewġ innijiet għadha ma ġietx f'idejja biex inkun nista' infissirhielkom permezz tal-analiżi.



Il-ftit tagħrif li stajt nagħtikom s'issa dwar Dun Edward Corrado kien bagħthuli Carmel Portelli (1933-2018) permezz ta' email, flimkien ma' żewġ ritratti. Tajjeb inżid ngħid hawnhekk, li dal-qassis fil-parroċċa Gżirjana kien wieħed mill-erba' saċerdoti mill-parroċċa ta' Stella Maris li ġew ordnati fid-29 ta' Lulju 1934.[1] Fittixt ħafna wkoll fid-'Djarju tan-Naxxar' tal-qassis-poeta Naxxari, Dun Anton Xiberras (1922-2006), li kien qed jistudja għal qassis fl-istess żmien li Dun Corrado kien jgħallem il-Kant Gregorjan fis-Seminarju. Iżda ma' ismu ltqajt darba waħda biss, fejn Dun Xiberras jgħid li hu, flimkien ma' sħabu s-seminaristi kellhom xi lezzjoni tal-kant mas-surmast Dun Corrado. Din kienet saret l-Erbgħa, 26 t'April, 1944, fil-4.00 p.m.[2]

Bħala poeżija, *l-Innu Lill-Madonna Tad-Duluri* hija mnebbħa mill-Istabat Mater ta' Jacopone minn Todi[3] (1228-1305), li maqluba fil-Malti tibda proprju bil-vers 'Wieqfa kienet imbikkija'. Infatti, l-għanja ta' Dun Frans Camilleri tibda bejn wieħed u ieħor bl-istess mod: 'Wieqfa dik l-Omm ħanina'. Araw kemm huma qrib fl-istil tal-ħsieb iż-żewġ poeżiji li qegħdin insemmu fil-mod kif jinsġu l-ewwel strofa, il-waħda terzina u l-oħra kwartina:

| Jacopone minn Todi | Dun Frans Camilleri |
|---|---|
| Wieqfa kienet imbikkija | Wieqfa dik l-Omm ħanina, |
| L-Omm ħdejn binha fil-tbatija | Imqanqla mill-imħabba, |
| Fuq salib imdendel. | Bil-qalb maqsuma, mnikkta, |
| | Ħdejn Binha fuq Salib. |

1. Winston L. Zammit 'Tas-Sliema (1901-1950)', p. 160.
2. Is-Seba' Ktieb, p. 27.
3. Kien daħal patri ta' San Franġisk wara l-mewt ta' martu li ġrat fis-sena 1278. Għex ħajja qaddisa. (Ara storja tal-'Li "Stabat Mater" ta' Alfons Maria Galea meħuda Mill-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien li dehret f'Ward ta' Qari Malti (It-Tieni Ktieb), p. 41-3)

L-Innu hu magħmul minn tliet pari strofi bil-vers settanarju, imbejna bir-ritornell li fih jiġbor il-ħsieb kollu tal-poeżija. Fl-ewwel żewġ kwartini l-poeta jpenġi x-xena ta' qsim il-qalb li kien hemm fuq il-għolja tal-Kalvarju, u li fiha naraw lit-tliet Marijiet - Omm Ġesù, lil kunġintha minn Kleofa, u lil Maddalena – u magħhom l-appostlu Ġwanni, ilkoll f'riġel is-salib, jitħassru u jibku b'qalbhom maqsuma lill-Maħbub tagħhom. X'imrar, uġigħ u niket hemm miġbura f'dat-tiġrib li l-ebda qalb ta' bniedem ma qatt ħasset bħal Marija. Fit-tielet strofa l-poeta jordnalna biex nieqfu ftit ħalli naraw lil dil-Mara li ħabbet il-bniedem tant li għażlet it-tbatija biex teqred id-dnub oriġinali. Hija l-istess Omm li welldet it-Tama tal-bniedem fl-għar fqajjar ta' Betlem, u l-istess waħda li rat 'il Binha Ġesù mislub fuq l-għuda tas-salib. Fil-ħames strofa mbagħad, il-poeta jgħidilna biex inħarsu lejn wiċċ Marija bid-dmugħ iġelbel minn ħaddejha, biex nisimgħu l-ġmiel ta' kliem li joħroġ minn fommha, u xi ħlewwa, b'liema mħabba tħaddan lil Binha malli niżluh minn fuq is-salib. 'Sultana fost il-Martri', hekk isejjaħ il-poeta lill-Imbierka Ommna, imżejna b'kull virtù, u li hija l-bidu għal kull min jittama fiha.



L-*Innu Lis-Saċerdot* fih tliet strofi ottonarji, jonkella żewġ kwartini, bil-vers senarju u ritornell bejn kull tmien versi. L-Innu hu ddedikat lis-saċerdot, il-bniedem imsejjaħ minn Alla, li b'imħabba infinita lejh, tah is-setgħa li jqarar, u jagħti l-faraġ u l-qawwa, u jqarben lil dawk ta' qalbhom imxennqa. L-istess qassis-poeta jitlob lis-Saċerdot biex bil-ħeġġa ta' qalbu, bil-ħlewwa ta' fommu, u bis-setgħa t'idejh iressaq 'il bniedem lejn Alla. Għax Alla stess sejjaħlu biex iwassal lill-bniedem għal għandu, u għalhekk li l-bniedem jinġabar f'riġlejn is-Saċerdot. U xħin is-Saċerdot jaħfer ħtijietna, qalbna titfarraġ u ruħna timtela 'bid-dawl u l-ħlewwiet'. U meta jqassmilna minn idejn 'il-ħajja li thenni' ikun qed jgħajjixna 'bil-Ħobż tas-Smewwiet'. Ir-ritornell jiġbor fih il-qofol kollu tal-għanja f'erba' kelmiet bil-għaqal: *'Madwarek ninġabru / Biex nagħtu kull ġieħ, / Kif lilek jixraqlek, / Ja Ragħaj tal-erwieħ!'*

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gżirjani fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Madonna tal-Karmnu li qed tiġi solennement iċċelebrata ġewwa l-Gżira.

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)*

